# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 17 ta' Jannar 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 45/2015 PC**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Dr. Jean Paul Grech b'digriet tal-4 ta' Settembru 2015 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin Vassil Lazarov u Pauline Lazarov u b'digriet tat-23 ta' Settembru 2015 Dr. Jean Paul Grech ġie sostitwit u minfloku ġie nominat Dr. Kevin Mompalao bhala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin Vassil Lazarov u Pauline Lazarov**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-Bank attur, wara li ppremetta:

Illi l-intimati huma debituri flimkien fil-konfront tal-Bank fl-ammont komplessiv ta' tnax-il elf disa' mija u erbgħa u tmenin euro u sitt ċenteżmi (€12,984.06ċ) dovuti kif sejjer jiġi spjegat hawn taħt:

a. Ammont ta' erbat elef tliet mija u wieħed usittin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€4,361.99ċ) restituzzjoni ta' self imħaddem fuq il-kont numru 039-034129-300) f'isem iż-żewġ konvenuti flimkien. Dan l-ammont huwa ffurmat minn €3,604.66ċ (tliet elef sitt mija u erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu) bħala kapital u seba' mija u ħamsa u sebgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€757.33ċ) bħala mgħax dovut b'effett sat-2 ta' Ġunju 2015;

b. Ammont ta' erbat elef sitt mija u sitt euro u erbgħa ċenteżmu (€4,606.04ċ) restituzzjoni ta' personal loan facility imħaddem fuq il-kont numru 039-034129-301. Dan l-ammont huwa ffurmat minn €3,805.63ċ (tliet elef tmien mija u ħames euro u tlieta u sittin ċenteżmu) bħala kapital u tmien mitt euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€800.41ċ) bħala mgħax dovut b'effett sat-2 ta' Ġunju 2015;

c. Ammont ta' tliet mija u wieħed u sebgħin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€371.28ċ) restituzzjoni ta' self imħaddem fuq il-kont nurmu 033-358036-340, liema kont kien jitħaddem fuq isem iż-żewġ konvenuti. Dan l-ammont huwa ffurmat minn €320.87ċ) (tliet mija u għoxrin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu) bħala kapita u ħamsin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmuy (€50.41ċ) bħala mgħax dovut b'effett sat-3 ta' Ġinju 2015;

d. Ammont ta' ħames mija u tnejn u erbgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€524.20ċ) restituzzjoni ta' self imħaddem fuq il-kont numru 033-368036-341, liema kont kien jitħaddem fuq isem il-konvenut Vassil Lazarov waħdu. Dan l-ammont huwa ffurmat minn €450 (erba' mija u ħamsin euro) bħala kapital u erbgħa u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€74.20ċ) bħala mgħax dovut b'effett sat-3 ta' Ġunju 2015;

e. Ammont ta' tliet elef mija u għoxrin euro u ħamsa u ħamsin ċentenżmu (€3,120.55ċ) restituzzjoni ta' self imħaddem fuq il-kont numru 016-1561270340, liema kont kien jitħaddem fuq isem il-konvenuta Pauline Lazarov waħdeha. Dan l-ammont huwa ffurmat minn €2,693.74ċ) (elfejn sitt mija u tleita u disgħin euro uerbgħa u sebgħin ċenteżmu) bħala kapital u erba' mija u sitta u għoxrin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€426.81ċ) bħala mgħax dovut b'effett sat-3 ta' Ġunju 2015;

f. Salvi interessi ulterjuri b'effett mit-tlieta (3) ta' Ġunju elfejn u ħmistax (2015) fuq il-kapital tal-ammonti indikati fil-paragrafu a u b hawn fuq u b'effett mill-erbgħa (4) ta' Ġunju elfejn u ħmistax (2015) fuq il-kapital tal-ammonti indikati fil-paragrafu c, d u e hawu fuq;

Illi dan id-debitu huwa wieħed ċert likwidu u dovut u sa fejn jaf l-esponenti, l-intimati ma għandhom l-ebda eċċezzjoni x'iressqu kontra t-talba tal-esponenti għall-ħlas ta' dan il-kreditu, u għaldaqstant l-esponenti qiegħda titlob li din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa mis-smigħ fit-termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12;
Illi mikejja li ġew interpellati permezz ta' *call-in letters* tal-31 ta' Jannar 2013, sabiex jirregolaw ruħhom u jħallsu l-ammont dovut minnhom, l-intimati baqgħu inadempjenti.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smigħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li intom debituri fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' tnax-il elf disa' mija u erbgħa u tmenin euro u sitt ċenteżmi (€12,984.06ċ) dovuti kif fuq ingħad;

3. Tikkundannakom sabiex tħallsu dan l-ammont, flimkien ma interessi ulterjuri b'effett mit-tlieta (3) ta' Ġunju elfejn u ħmistax (2015) fuq sebat elef erba' mija u għaxar euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu, (€7,410.29ċ) rappreżentanti l-kapital tal-ammonti indikati fil-paragrafu a u b hawn fuq u b'effett mill-erbgħa (4) ta' Ġunju elfejn u ħmistax (2015) fuq l-ammont ta' tliet elef erba' mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€3,464.61ċ) rappreżentanti il-kapital tal-ammonti indikati fil-paragrafu c, d u e hawn fuq sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuti li ġew notifikati b'din il-kawża fl-esteru, u ċioe' f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea, fid-19 ta' Lulju 2016 kif jidher mir-riferta pożittiva tat-28 ta' Lulju 2016 rilaxxjata mis-Senior Courts of England and Wales.[1]

Innotat li, minkejja din in-notifika, l-konvenuti għażlu li ma jweġbux u baqgħu kontumaċi.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-affidavit u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-Bank attur qed ifittex li jirkupra mingħand il-konvenuti diversi somom ta' flus mislufa lilhom kif imfisser fid-dettal fir-Rikors Ġuramentat u msaħħaħ bid-diversi dokumenti annessi miegħu.[2]

Illi l-kontumaċja tal-konvenuti għandha tittieħed bħala kontestazzjoni. Madankollu ma jidher li hemm ebda raġuni għaliex m'għandhomx jiġu milqugħa t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, ġialadarba jirriżulta sodisfaċentement mill-affidavit konfermat bil-ġurament tal-Avukat Ralph Agius Fernandez

[1] Ara riferta a fol. 89 recto u tergo tal-proċess
[2] Ara Dokti. A sa L annessi mar-Rikors Ġuramentat

għan-nom tal-Bank HSBC,[3] u mid-dokumenti esebiti,[4] li l-ammonti mitluba huma realment dovuti.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara lil konvenuti debituri fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' tnax il-elf disa' mija u erbgħa u tmenin Euro u sitt ċentezmi (€12,984.06ċ) dovuti kif imfisser fid-dettal fir-Rikors Ġuramentat; u konsegwentement

2. Tikkundannahom sabiex iħallsu dan l-ammont, flimkien mal-interessi ulterjuri b'effett mit-tlieta (3) ta' Ġunju elfejn u ħmistax (2015) fuq sebat elef erba' mija u għaxar euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€7410.29ċ) rappreżentanti l-kapital tal-ammonti ndikati fil-paragrafi "a" u "b" fl-istess Rikors u b'effett mill-erbgħa (4) ta' Ġunju elfejn u ħmistax (2015) fuq l-ammont ta' tliet elef erba' mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€3,464.61ċ) rappreżentanti il-kapital tal-ammonti ndikati fil-paragrafi "c", "d" u "e" f'dan ir-Rikors, u dan sad-data tal-pagament effetiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

17.01.2017 – Sup45.2015 – HSBC Bank Malta plc vs Dr. Kevin Mompalao noe
1047

[3] Dok. L a fol. 3 - 4 tal-proċess
[4] Dokti. A sa K a fol. 4 – 22 tal-proċess